DIRETTORAT GHAL
KWALITA` U STANDARDS FL-EDUKAZZJONI
FLORIANA VLT 2000
MALTA

DIRECTORATE FOR
QUALITY AND STANDARDS IN EDUCATION
FLORIANA VLT 2000
MALTA

# Id-Dipartiment tat-Tmexxija tal-Kurrikulu

**Tel:** 2598 2426 / 2598 2425 **Indirizz Elettroniku:** gaetano.bugeja@ilearn.edu.mt

## ĊIRKULARI

**Informazzjoni:** X **Data:** 24 ta' Novembru 2015

**Azzjoni:** X **Ref:** DCM 249/2015

**Lill- :** Kapijiet tal-Iskejjel Sekondarji tal-Istat, Indipendenti u tal-Knisja u Sezzjonijiet

**Mingħand:** Doreen Coleiro, George Mifsud, David Muscat – Uffiċjali Edukattivi tal-Malti

**Suġġett:** Lista ta' kotba tal-qari bil-Malti għall-proġett tat-taħdit fit-tielet sena sekondarja

---

Il-Kapijiet tal-Iskejjel huma mitluba jgħaddu din iċ-ċirkulari lill-għalliema kollha tal-Malti tal-iskola tagħhom.

L-għalliema tal-Malti tat-tielet sena tas-sekondarja huma mgħarrfa li għall-assessjar tat-taħdit fil-klassi għall-eżami annwali tal-2016, huma għandhom jużaw il-kotba mil-lista mehmuża ma' din iċ-ċirkulari u jgħadduha lill-istudenti tagħhom biex jagħżlu u jaqraw ktieb bil-Malti għal dan il-proġett.

Din il-lista għandha sservi wkoll bħala gwida lil-librara biex jixtru l-kotba tal-qari bil-Malti għal-libreriji tagħhom tal-iskola u b'hekk ikunu qed isaħħu u jsostnu aktar il-qari bil-Malti. Huwa rrakkomandat li qabel isir ix-xiri tal-kotba tal-qari bil-Malti, il-librara għandhom jikkonsultaw mal-għalliema tal-Malti jew mal-Kap tad-Dipartiment tal-Malti tal-Kulleġġ tagħhom biex jassiguraw li l-kotba mixtrija jkunu b'Malti tajjeb u aġġornat. L-għalliema jistgħu wkoll jissuġġerixxu kotba oħra li mhumiex fil-lista ta' din is-sena biex jiġu kkunsidrati għal-lista tas-sena d-dieħla.

L-għalliema huma mħeġġa jħajru lill-istudenti tagħhom jaqraw kemm jifilħu minn dawn il-kotba u għalhekk ikunu tajjeb li din il-lista titqassmilhom, stampata jew b'mod elettroniku. Huma għandhom ifiehmu sewwa lill-istudenti l-għan tal-proġett tat-taħdit li filwaqt li l-istudenti jieħdu gost jaqraw, ikunu kapaċi jitkellmu quddiem udjenza b'Malti mirqum u korrett fuq elementi ewlenin li jsawru l-ktieb bħall-ġrajja, l-isfond, il-karattri, l-istil ta' kitba u l-bqija. Huma għandhom ukoll jinkoraġġixxu lill-istudenti biex fejn u kif jistgħu joħolqu riżorsi teknoloġiċi u/jew elettroniċi, materjal stampat jew mudelli biex jgħinuhom waqt il-preżentazzjoni orali tagħhom fil-klassi.

L-għalliema għandhom jagħtu wkoll **minn qabel** il-kriterji li fuqhom ikunu ser jassessjaw it-taħdit tal-istudenti waqt il-preżentazzjoni li tista' ssir kemm bħala grupp (fejn kull kelliem jesponi aspett partikulari tar-rumanz) kif ukoll bħala individwu. Dawn il-kriterji u t-tqassim tal-marki flimkien ma' aktar tagħrif fuq l-assessjar tat-taħdit, jinsab fiċ-ċirkulari DCM 133/2014 jew fis-sit malti.skola.edu.mt fit-taqsima tas-sekondarja.

Infakkru wkoll lill-għalliema biex il-karta li fuqha jassessjaw u jniżżlu l-marka tat-taħdit ta' kull student waqt li jtkun qed tingħata l-preżentazjoni, **għandha tinhemeż mal-karta tal-eżami** fejn jitniżżlu l-marki kollha tal-eżami. Dan għandu jsir biex l-istudenti jkollhom rendikont ġust ta' kif ġew assessjati u kif ingħatat il-marka.

Min ikollu xi diffikultà jista' jkellem lill-Kap tad-Dipartiment jew lill-Uffiċjal Edukattiv inkarigat mill-Kulleġġ.

# Il-lista tal-kotba għall-qari bil-Malti
# għall-proġett tat-taħdit għat-tielet sena tas-sekondarja
# 2015-2016

| | ISEM TAL-KTIEB | L-AWTUR |
|---|---|---|
| 1 | ULIED TAL-AZZAR | VIC APAP |
| 2 | IS-SALIB TAL-FIDDA | PATRI WISTIN BORN |
| 3 | ANĠLI TAN-NIKET | ĠINO MUSCAT AZZOPARDI |
| 4 | TINSIEX PUBLIUS TINSIEX | KILIN |
| 5 | TAĦT TLIET SALTNIET | ĠUŻÈ AQUILINA |
| 6 | RAĠEL BIL-GĦAQAL | ĠUŻÈ GALEA |
| 7 | SAN ĠWANN | ĠUŻÈ GALEA |
| 8 | TONI BAJJADA | GUŻÈ MUSCAT AZZOPARDI |
| 9 | IX-XHUD LI MA DEHERX | ĠORG ZAMMIT |
| 10 | ŻMIEN L-ISPANJOLI | ĠUŻÈ GALEA |
| 11 | L-ISQAQ | ĠUŻÈ CHETCUTI |
| 12 | SFIDI | TREVOR ŻAHRA |
| 13 | MINĊOTT ĦAJT ISWED | TREVOR ŻAHRA |
| 14 | LUQA BRIFFA | EMILIO LOMBARDI |
| 15 | ĠORĠ IT-TMUNIER TAX-XWIENI TAL-ORDNI | EMILIO LOMBARDI |
| 16 | IL-MISTERU TA' RDUM IL-MADLIENA | EMILIO LOMBARDI |
| 17 | BELLA BERGER | RITA SALIBA |
| 18 | IL-POLZ LI BAQA' JĦABBAT | BERTRAM PORTELLI |
| 19 | TRILOĠIJA IL-FIDDIEN:<br>SQAQ L-INFERN, ĠNIEN TAD-DMUGĦ, WIED WIRDIEN | SIMON BARTOLO,<br>LORANNE VELLA |
| 20 | ĠENERAZZJONI PACEVILLE | JESMOND GRECH |
| 21 | LA JERĠA' JASAL DIĊEMBRU | LINA BROCKDORFF |
| 22 | SĦAB | TREVOR ŻAHRA |
| 23 | META NSTABU L-ANĠLI | PIERRE MEILAK |
| 24 | QABEL TELGĦET IX-XEMX | ĠUŻÈ CHETCUTI |
| 25 | IS-SEBA' TRONĠIET MEWWIJA | TREVOR ŻAHRA |
| 26 | META NĦARAQ IT-TEATRU | ĠUŻÈ GALEA |
| 27 | NAZJU ELLUL | ĠUŻÈ MUSCAT AZZOPARDI |
| 28 | TRILOĠIJA:<br>IT-TIELET QAMAR, L-AĦĦAR ĦOLMA U S-SITT AĦWA | JOHN BONELLO |
| 29 | XI MKIEN IEĦOR | LISA FALZON |
| 30 | ĠIMGĦA, SIBT U ĦADD | IVAN BUGEJA |
| 31 | INŻUL IX-XEMX | RITA SALIBA |
| 32 | INKWIET U QADDISIN | LAWRENCE MIZZI |
| 33 | SIRENI U SERENATI | LINA BROCKDORFF |
| 34 | L-GĦAFRID | KILIN |
| 35 | TIKK...TOKK...IS-SAGĦTEJN | EDGAR FORMOSA |
| 36 | X'AĦNA SMART | STEPHEN LUGHERMO |

## Għal studenti barranin
## jew
## għal dawk li għadhom fil-bidu tal-qari bil-Malti

| | | |
|---|---|---|
| 1 | MINN TARF SA TARF TAT-TRIQ | CHARLES CASHA |
| 2 | MILL-GALLARIJA | CHARLES CASHA |
| 3 | IL-PRASPAR KOLLHA TA' KUNĊETT U MARINTON | TREVOR ZAHRA |
| 4 | TUŻŻANA U STEJJER OĦRA | KITTIEBA VARJI |
| 5 | STEJJER TAR-RONNIE u AKTAR STEJJER TAR-RONNIE | JOE FRIGGIERI |
| 6 | IL-PRASPAR TA' MASTRU GERFEX | CARMEL G CAUCHI |
| 7 | MID-DINJA TA' FRA MUDEST | CHARLES CASHA |
| 8 | ĠIERKU MA JMUT QATT | CHARLES FLORES |
| 9 | STEJJER GĦAL VALENTINA | LINO SPITERI |
| 10 | ĦREJJEF MIR-REPUBBLIKA ĊEKA | IMMANUEL MIFSUD |
| 11 | STEJJER GĦAD-DISKUSSJONI | CARMEL G CAUCHI |
| 12 | ĦREJJEF MILL-POLONJA | IMMANUEL MIFSUD |
| 13 | ĠRAJJIET IN-NANNU LIPP U STEJJER OĦRA | CARMEL G CAUCHI |

Grazzi tal-ħidma u l-koperazzjoni tagħkom.

**Gaetano Bugeja**
**Direttur,**
**Dipartiment tat-Tmexxija tal-Kurrikulu**